# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Settembru 2015**

**Kawza Numru : 10**
**Rikors Guramentat Numru : 186/2015/LSO**

**Louis George Padovani Ginies (ID. 455061M)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat ta' Louis George Padovani Ginies (ID. 455061M) datat 27 ta' Frar 2015 fejn : -

Jesponu bir-rispett ir-rikorrent u jiddikjara wkoll illi jaf bil-fatti segwenti personalment:

Illi huwa twieled fl-1 ta' Lulju 1961 kif jirrizulta mill-att ta' twelid tieghu bin-numru ta' skrizzjoni 4550 tas-sena 1961 hawn anness u mmarkat bhala **Dok LP1;**

Illi minkejja li fl-imsemmi att ta' twelid missier u omm ir-rikorrent kienu gew indikati bhala kunjomhom "Padovani Ginies", ir-rikorrent ilu ghal zmien twil u b'mod konsistenti juza, kif ukoll jigi maghruf u msejjah bhala "Louis George Padovani";

Illi dan kollu jidher u huwa evidenti *inter alia* mid-dokumenti annessi u cioe`:

i. **DokLP2:** kopja ta' kuntratt ta' bejgh datat 2 ta' Lulju 1983;

ii. **DokLP3:** kopja ta' estratt mill-att taz-zwieg tar-rikorrent;

iii. **Dok LP4:** kopja ta' certifikat ta' shubija tal-Malta *Institute of Accountants* datat 2 ta' Mejju 1991;

iv. **Dok LP5:** kopja ta' certifikat ta' shubija tal-*Malta Institute of Management* datat 22 ta' Ottubru 1991;

v. **Dok LP6:** kopja ta' *warrant* sabiex jipprattika bhala *accountant* f' Malta mahrug mill-Ministru tal-Finanzi ta' dak iz-zmien fit-28 ta' Lulju 1992;

vi. **Dok LP7:** kopja ta' ittra ta' hatra datata 28 ta' April 1995 mis-Segretarju Permanenti OPM ta' dak iz-zmien, bhala Deputat Chairman tal-Bord tal-Korporazzjoni Telemalta;

vii. **Dok LP8:** kopja ta' *warrant* sabiex jipprattika bhala awditur f' Malta mahrug mill-Ministru tal-Finanzi ta' dak iz-zmien fit-2 ta' Lulju 1999;

viii. **Dok LP9:** kopja ta' estratt minn kuntratt ta' separazzjoni personali in atti Nutar Dr. Christine Abela datat 26 ta' April 2001;

ix. **Dok LP10:** kopja ta' polza ta' assikurazzjoni mahruga minn Bonnici Insurance Agency Limited;

x. **Dok LP11:** kopja ta' certifikat ta' registrazzjoni mad-Dipartiment tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud;

xi. **Dok LP12:** Registrazzjoni bhala Direttur, Rapprezentant Legali u Gudizzjarju ta' zewg kumpaniji fir-*records* tar-Registru tal-Kumpaniji;

xii. **Dok LP13:** kopja ta' *cover note* ta' kont bankarju mal-Bank of Valletta p.I.e.

xiii. **DokLP14:** kopja ta' *business card* tar-rikorrenti;

Illi *inoltre* c-certifikati tat-twelid tat-tfal tar-rikorrenti, Leonard mwieled fil-21 ta' Marzu 1990, u Andrew, mwieled fis-17 ta' Jannar 1996, it-tnejn li huma jindikaw lir-rikorrenti bhala l-missier (kif ukoll lill-mara tar-rikorrenti) bil-kunjom ta' "Padovani" – **Dok LP 15 u Dok LP16;**

Illi wara sentenza fl-ismijiet: "Bertram Padovani Ginies maghruf bhala Bertram Padovani vs Direttur tar-Registru Pubbliku jew ir-rapprezentant debitament awtorizzat tieghu" (Cit. Nru. 2082/96 NA) deciza minn din l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Settembru 1998 - Kopja annessa u mmarkata bhala **Dok LP 17** - gie awtorizzat fir-rigward tal-prim kugin ta' missier ir-rikorrenti, Bertram, li ssir il-korrezzjoni tal-att ta' twelid tieghu billi kull fejn kien jirrikorri l-kunjom "Padovani Ginies" tigi kancellata l-kelma "Ginies" sabiex isem ir-rikorrenti jibda jaqra "Bertram Padovani" u ordnat ukoll illi f' kull att iehor fejn isem l-istess kien indikat bhala "Bertram Padovani Ginies" dan jigi formalment korrett u sostitwit bl-isem ta' "Bertram Padovani";

Illi din l-inkonsistenza ikkawzat u qed tikkawza diffikultajiet fil-hajja ta' kuljum lir-rikorrenti specjalment fix-xoghol professjonali tieghu u inoltre jekk issir l-annotazzjoni appozita tigi ffacilitata l-hajja wkoll ta' terzi persuni li b'hekk ikollhom l-informazzjoni ezatta u korretta dwar l-istess rikorrenti;

Illi ghalkemm fiz-zmien meta twieled ir-rikorrent (u fil-kazijiet kollha qabel is-sena 2005) fuq l-att tat-twelid kien

jitnizzel biss l-isem li t-tarbija kellha tassumi (minghajr referenza ghall-kunjom li kienet ser tiehu), din l-Onorabbli Qorti diversi drabi fi snin ricenti, f'cirkostanzi simili, akkordat talbiet sabiex ssir annotazzjoni appozita fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" u b'hekk jitnizzel anke l-kunjom li t-tarbija tkun maghrufa bih;

Illi ghalhekk ir-rikorrent jixtieq li ssir l-annotazzjoni xierqa fl-att tat-twelid tieghu *ai termini* tal-Artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi fil-kolonna ntestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha" jitnizzel "Louis George maghruf bil-kunjom Padovani";

Illi r-rikorrenti jifhem illi din l-inkonsistenza bejn il-kunjom tieghu kif registrat u l-kunjom fattwali kif inhu fil-verita` maghruf m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tad-Direttur intimat u ghalhekk m'huwiex qed jitlob li l-ispejjez **tieghu** ta' din il-procedura jbatihom l-istess intimat. Madanakollu, minkejja l-kliem imnizzla (ghax mehtiega *ad validatem* skont l-Art. 1561(l)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) taht l-intestatura tal-Qorti fil-bidu ta' dan ir-rikors mahluf, u peress illi jhoss illi l-intimat m'ghandu jkollu l-ebda difiza jew oggezzjoni ghat-talba tieghu, ir-rikorrent umilment jistenna illi l-intimat jammetti t-talbiet kollha tieghu bla kondizzjoni permezz ta' nota *ai termini* tal-Art. 158(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. F'kaz li ma jsirx dan, ir-rikorrent qieghed minn hawn jipprotesta ruhu dwar l-ispejjez konnessi mar-risposta mahlufa tal-intimat.

Ghaldaqstant, premess is-suespost, ir-rikorrent jitlob bil-qima li prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna li *a tenur* tal-Art. 254(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-inqas hmistax (15)-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern skont il-Formula B fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi permezz tieghu kull min ikollu interess, jigi msejjah sabiex jiddikjara, fi zmien hmistax-il gurnata mill-pubblikazzjoni ta' dak l-avviz, bil-mezz ta' nota, jekk hux bi hsiebu jopponi t-talba tar-rikorrenti;

2. Tiddikjara illi r-rikorrent ilu ghal zmien twil u b'mod konsistenti juza, kif ukoll jigi maghruf u msejjah bhala "Louis George Padovani";

3. Tordna, *ai termini* tal-Art. 253(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li ssir annotazzjoni fl-att ta' twelid tieghu bin-numru ta' skrizzjoni 4550 tas-sena 1961 sabiex fil-kolonna ntestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" jitnizzel "Louis George maghruf bil-kunjom Padovani";

4. Tordna, *ai termini* tal-Art. 253(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless f' kull att tal-istat civili relattiv ghar-rikorrenti, b'dan pero` illi peress illi li f' dan il-kaz partikolari l-atti kollha tal-istat civili sussegwenti (inkluz l-att taz-zwieg tar-rikorrenti u l-atti tat-twelid tat-tfal tar-rikorrenti) huma

korretti, huwa biss l-att tat-twelid tar-rikorrent bin-numru ta' skrizzjoni 4550 tas-sena 1961 li ghandu jigi mibdul;

5. Tordna, *ai termini* tal-Art. 256 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja vera tas-sentenza ta' din il-Onorabbli Qorti sabiex issir l-annotazzjoni ordnata minn din l-Onorabbli Qorti fi zmien ghaxart (10) ijiem mid-data ta' meta s-sentenza tghaddi *in gudikat.*

Rigward l-ispejjez ta' din il-procedura, dawn ghandhom jigu ssopportjati mir-rikorrenti b'eccezzjoni ta' dawk l-ispejjez konnessi mar-risposta mahlufa tal-intimat fil-kaz illi dan tal-ahhar jipprezenta tali risposta.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif presjeduta ghas-seduta tas-7 ta' Mejju 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 27 ta' April 2015 (fol 43) fejn espona bil-qima, u Dr. Mariella Silvio ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :

1. Illi fil-kawza odjerna r-rikorrent qed jitlob li jbiddel l-att tat-twelid tieghu sabiex minn "Padovani Ginies" jitnizzel li huwa maghruf bil-kunjom "Padovani" u dan skont l-artikolu 253(2) tal-Kap 16.

2. Illi *ai termini* tal-artikolu 4(3) tal-Kap 16, ulied fiz-zwieg jiehdu awtomatikament il-kunjom ta' missierhom u li mieghu jistghu jziedu kunjom xbubit ommhom jew kunjom zewgha li jkun miet qabilha. Dan l-artikolu ma jghidx li persuna tista' taghzel li twaqqa' wiehed mil-kunjomijiet li tkun assumiet minghand il-missier. Peress li r-rikorrent effettivament twieled fiz-zwieg, hu assuma kunjom missieru *in toto.* Fl-att tat-twelid tar-rikorrent, anness u mmarkat bhala Dok DRP 1, isem u kunjom missieru tnizzlu bhala "Carmelo Padovani Ginies" filwaqt li l-omm tnizzlet bhala "Frances wife of the said Carmelo Padovani Ginies". Id-dikjarant fuq dan l-att jidher li kienet l-omm li ghalhekk kienet hi li tat l-informazzjoni kollha li tnizzlet fl-att in kwistjoni. Galadarba l-omm iddikjarat li kunjom il-missier huwa "Padovani Ginies" mela r-rikorrent ha awtomatikament dak il-kunjom. Hi ffirmat ukoll l-att bhala "F. Padovani Ginies" u allura kkonfermat li d-dettalji li jinsabu fl-att huma korretti.

3. Illi konferma li l-kunjom "Padovani Ginies" tnizzel b'mod korrett gej ukoll mill-fatt li skont l-att tat-twelid ta' missier r-rikorrenti, anness u mmarkat bhala Dok DRP 2, n-nannu patern gie indikat bhala "Edgar Padovani Ginies".

4. Illi ghalkemm l-ligi tipprovdi ghal sitwazzjonijiet fejn persuna tista' tbiddel isimha jew kunjomha, dan ma japplikax f' kazijiet meta dak li jkun jibda jaghmel uzu minn kunjom differenti kappriccjozament. Kif tghallem s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet *Nardu*

*Balzan Imqareb vs. Direttur tar-Registru Pubbliku* tat-30 ta' Gunju 2004:

*Premessi dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' dritt in subjecta materia, ma jidhirx illi fl-istat tal-ligi Maltija dak li jkun jista' bis-semplici volonta` tieghu jippretendi li jista' jibdel kunjomu jew jezigi rettifika f'dan is-sens anke jekk ghalih ikun jissarraf bhala xi sinjal distintiv ta' l-identita` tieghu. Kif rilevat proprju fis-sentenza fl-ismijiet "Karmnu Balzan Imqareb -vs- Margaret Mortimer nomine", Appell Civili, 20 ta' Novembru 1971, "ma huwiex regolari, fis-silenzju tal-ligi taghna, li marte proprio wiehed jadotta kunjom gdid jew kapriccjozament ivarja kunjomu fil-mentri li jinsab registrat taht kunjom iehor";*

5. Illi fil-kaz odjern ghandna sitwazzjoni fejn ir-rikorrent matul hajtu ghazel *di sua sponte* li jaghmel uzu minn parti biss ta' kunjomu u mhux kunjomu kollu kif suppost. Ghalkemm, skont ir-rikors promotur l-azzjoni tar-rikorrenti hija mibnija fuq l-artikolu 253(2) tal-Kap 16, dan l-artikolu jaghti s-seta' li ssir talba gudizzjarja sabiex ikun hemm bidla limitatament fl-isem u mhux fil-kunjom ukoll. Dwar dan fis-sentenza appena citata l-Onorabbli Qorti qalet:

*L-Artikolu 253 tal-Kodid Civili, ghal liema l-konvenut jaghmel espressa referenza kemm fl-eccezzjonijiet tieghu kif ukoll fis-sottomissjonijiet, jippresupponi zewg konsiderazzjonijiet. Il-wahda, li jirreferi restrittivament ghal talba ghall-korrezzjoni fl-isem biss, u t-tieni nett, illi si tratta ta' att vizzjat minhabba xi rregolarita`;*

*It-talba hawn proposta mill-attur ma titrattax minn talba ghal sanatorja ghax kunjomu gie indikat zbaljatament fl-att tat-twelid izda minn pretiza li mal-kunjom originarju tieghu jzid l-agguntiv "Imqareb". Jekk hemm bzonn jerga' jigi ripetut, fl-istat attwali tal-ligi s-semplici xewqa jew volonta` ta' dak li jkun mhix sufficcjenti biex kien min kien jippretendi bi dritt li ghandu jigi modifikat l-istat anagrafiku tieghu;*

*6.* Illi ghalhekk l-esponent mhux talli mhux qed jammetti ghat-talbiet min-numru 2 *et seq* tar-rikors promotur kif qed jippretendi r-rikorrent izda anzi hu tal-umli fehma li m'ghandhomx jintlaqghu.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u f' kaz biss li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, l-annotazzjoni li trid issir fl-att tat-twelid hija "**Louis George Padovani Ginies konsistentement maghruf bhala Louis George Padovani**".

8. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz zgur li l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent kif gie spjegat aktar qabel f'din ir-risposta partikolarment fil-paragrafu numru 2 u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

*29 ta' Settembru 2015.*

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 16 ta' Lulju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr Antoine Naudi u Dr Stephanie Borg ghad-Direttur intimat. Dr Borg strahet fuq ir-risposta tal-intimat direttur. Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Settembru 2015.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi b’din il-kawza, l-attur qed jitlob li jsiru bidliet fl-att ta’ stat civili tieghu biex jirrifletti l-fatt li l-kunjom li huwa maghruf bih huwa differenti minn dak muri fl-istess atti;

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi fit-3 ta' Marzu 2015 (fol.35) u ghalhekk l-ewwel talba hija ezawrita u din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi l-attur qed jitlob fis-succint, li din il-Qorti tirrikonoxxi li ilu ghal zmien twil, u konsistentement, maghruf bil-kunjom "Padovani" u mhux "Padovani Ginies." Id-Direttur tar-Registru Pubbliku qed jopponi ghal din it-talba. Fl-ewwel lok peress li bdil fil-kunjom mhuwiex previst bl-artikolu 253(2) tal-Kap 16, u fit-tieni lok billi mhuwiex permissibbli

fil-Ligi li talba simili ghat-tibdil ta' kunjom kapriccozament tigi akkolta.

Mill-aspett fattwali, ir-rikorrent esebixxa dokumentazzjoni kopjuza li tikkonforta l-allegazzjoni tieghu fejn huwa jinsab identifikat bil-kunjom "Padovani" biss, *inter alia* kuntratti, certifikati professjonali, *warrant* professjonali, dokumenti tat-taxxa u dokumenti bankarji. Hekk ukoll jaffermaw ix-xhieda minnu prodotti permezz tal-affidavits taghhom.[1]

Inoltre jirrizulta li huwa mnizzel bl-isem u kunjom "Louis Padovani" fuq is-segwenti atti tal-istat civili :-

- L-Att taz-zwieg tieghu (fol 11)
- L-Att tat-twelid ta' ibnu Leonard (fol 26)
- L-Att tat-twelid ta' ibnu Andrew (fol 27)

Mill-aspett fattwali, ghalhekk, l-attur issoddisfa l-grad ta' prova rikjest bil-Ligi.

Dan kollu hu kkuntrastat mill-formalizmu tal-Att tat-twelid. Kif irrileva korrettement l-Intimat, omm ir-rikorrent kienet id-dikjaranti fuq l-Att tat-twelid tieghu, u stqarret li kunjomha u kunjom zewgha, missier ir-rikorrent, huwa "Padovani Ginies", u , inoltre, ommu iffirmat b'dan l-ahhar kunjom. L-intimat esebixxa kopja tac-certifikat tat-twelid ta' missier l-istess rikorrent (**Dok DRP2)**[2] fejn fil-kolonna intestata *Isem u Kunjom* (il-genituri) n-nannu patern hu imnizzel bl-isem

[1] Esebiti a fol 54-57
[2] Esebit a fol 50 tal-process.

"Edgar Padovani Ginies", bir-rizultat li l-kunjom tat-tarbija, u konsegwentement tar-rikorrent, huwa korrettement "Padovani Ginies."

**Principji Legali u l-Applikazzjoni taghhom ghall-kaz odjern.**

Ikkonsidrat li r-rikorrenti bbazaw it-talbiet taghhom fuq l-**artiklu 253(2) tal-Kap.16.** Izda huwa pacifiku li dan l-artiklu jippermetti korrezzjonijiet fl-isem (il-prenom) ta' persuna, u mhux fil-kunjom. Hekk hu l-insenjament tal-Qrati taghna kif jirrizulta mis-sentenza fl-ismijiet **Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku** (P.A. per On.Imh.J. Filletti - 1 ta' Frar 2001) fejn inghad:-

*"Wara li kkunsidrat l-imsemmija sottomissjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-terminu "isem" fl-artiklu 253 tal-Kap 12 – ghalkemm lingwistikament huwa minnu li jista' wkoll jikkomprendi fih il-kunjom ta' persuna` kien u hu biss ghall-fini tal-precitat artiklu 253 cirkoskritt ghal dak li bl-ingliz jissejjah "first name" jew "name to be called" – a differenza ta' dak li hu kunjom jew "surname*". *Fil-lingwa Franciza, bhala f'ilsna ohra,tinzamm differenza aktar netta bejn dak li jissejjah "prenom" minn dak li hu "nom de famille". Hu veru li fl-imsemmi artiklu hemm imsemmi wkoll li kull korrezzjoni tapplika wkoll ghal "dixxendenti ulterjuri", pero` din hija "lapsus", oppure kopertura tal-possibilita` li kemm-il darba isem ta' axxendenti jkun inbidel minn, per ezempju, "Paul"ghal "Joseph", tali korrezzjoni, talvolta milqugha, trid tibqa' tigi annotata. Pero` mid-dibattiti parlamentari jemergi*

*li "ratio legis" kien dak biss li jaghmilha possibbli li f'kazi idoneji l-isem (il-"first name" jew "prenom") ikun jista' jigi mibdul – imma mhux il-kunjom, ammeno che ma jkunx hemm zball*." Dik il-Qorti kompliet:

*"Id-diversi sentenzi citati mill-attur juru biss li l-Qrati accettaw korrezzjonijiet fis-sens ta' inkluzjoni ta' kunjom genitur imma qatt ma accettaw bdil jew zieda ta' kunjom jekk mhux ghax ikun sar zball x'imkien. Il-kunjomijiet "Magro" u "Magri", imsemmijin mill-attur fil-kawza citata minnu, dejjem gew meqjusa bhala differenti minn xulxin. Ghalhekk jekk xi hadd ikun gie mnizzel bhala "Magro"minflok "Magri", jew vice-versa, ikun jammonta ghal zball u bhala tali jkun soggett ghall-korrezzjoni jekk l-izball jigi ppruvat.*

*Illi dan ifisser li t-talba tal-attur tinvolvi verament talba ghall-bdil tal-kunjom tieghu, li ma hijiex permessa mill-ligi,la darba jirrizulta li huwa ha naturalment il-kunjom tal-missier naturali tieghu indikat fl-att tat-twelid tieghu relattiv, u dan huwa wkoll ikkonfermat fuq dak li inghad fis-sentenza "**Karmnu Balzan Mqareb vs Margaret Mortimer noe et**" (AC 29 ta' Novembru 1971) li ghaliha qed issir referenza*."

Il-posizzjoni l-aktar recenti tal-Qrati taghna tifavorixxi aktar flessibilita *entro* certi limiti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, Il-linja addottata fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, tiddistingwi bejn kazijiet fejn it-tibdil fil-kunjom qed jintalab b'riferenza ghall-kunjom li m'ghandux konnessjoni mar-rabta familjari tal-applikant, u, min-naha l-ohra, it-temperament ta' din ir-

rigorozita' fejn tali rabta hija evidenti u l-interessi ta' terzi mhumiex pregiudikati.

Ezempji tal-ewwel skorta ta' hsieb huma s-sentenzi fil-kaz **Nardu Balzan Imqareb v Direttur tar-Registru Pubbliku** (PAPS - dec fit-30 ta' Gunju 2004) u **Damian Damian Schembri v Direttur tar-Registru Pubbliku** (A.C. 16 ta' Dicembru 2003). It-talba maghmula f'dawn il-kawzi kienu indubbjament fiergha u privi minn kwalsiasi korrelazzjoni bejn il-kunjom li xtaqu jaddottaw u l-kunjom familjari.

Fil-kaz ta' **Nardu Balzan Imqareb**[3] il-Qorti qalet hekk: "*Dan premess, jidher in linea ta' principju komunement accettat illi l-isem u l-kunjom li bihom persuna hi konoxxuta skont il-precitati atti ma jistghux jigu modifikati, hlief meta xort' ohra provvdut mil-ligi nnifisha. Dawn il-modifiki, meta konsentiti espressament mil-ligi, huma previsti f' dawk ic-cirkostanzi korrelatati maggorment ma' rapport familjari (Ad.es.it-tibdiliet konsentiti fil-kaz ta' adozzjoni, denegata paternita, jew rikonoxximent ta' paternita'). "*Dan il-principju gie spjegat mill-Qorti tal-Appel fil-kaz **Damian Damian Schembri v Direttur tar-Registru Pubbliku** li kkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (fuq citata), fejn l-istess Qorti, in kwantu anke rilevanti ghall-kaz odjern sostniet li:-

*"Qatt ma kien il-hsieb tal-legislatur li jawtorizza bdil fil-kunjomijiet. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta' Frar, 1947 fl-ismijiet **"Joseph Cutajar vs***

[3] Din il-kawza irrigwardat talba ghat-tibdil ta' isem kif ukoll tal-kunjom.

***Avv. Dr. John Scicluna noe"*** *– sentenza li, ncidentalment, ma segwietx sentenza precedenti tal-Prim Awla tal-31 ta' Ottubru, 1930 fl-ismijiet* ***"Michele Mc Lean gia` Abdilla vs Notaro Salvatore Cremona nomine et"****, din ta' l-ahhar citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti aktar recentement fis-sentenza, li ghaliha jaghmel hafna referenza l-appellant, u cioe`* ***"John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku"****, 2 ta' Marzu, 1994:*

*"…hija haga maghrufa illi l-ligijiet ta' l-istat civili, bir-registrazzjoni ta' l-attijiet tat-twelid u taz-zwieg, kif ukoll tal-mewt, hija haga wisq importanti ghall-hajja civili tas-socjeta`, peress illi minn dawk l-annotazzjonijiet jiddependu hafna drittijiet tac-cittadini. Issa l-kunjom ta' familja, kif inhu l-partimonju ta' l-individwu, li l-familja ma tistax tinnegalu, huwa wkoll il-patrimonju tal-familja li ghandha certu nteress li l-membri taghha jkunu maghrufa b'dak il-kunjom; u huwa wkoll patrimonju tas-socjeta` d-distinzjoni rispettiva tal-familji. Din hija l-bazi u l-ordni ta' kull socjeta`, u ghalhekk teoritikament ma jistax ikun permess lil persuna, l-ghaliex il-kunjom taghha ma joghgobhiex, taghzel kunjom iehor li jidhrilha li hu isbah, u forsi izjed skond l-idejat moderni prevalenti, u taddotta "marte proprio" dak il-kunjom gdid. Kieku jkun hekk, il-konsegwenza tkun id-dizordni u l-konfuzjoni fis-socjeta`, jekk kwantita` kbira ta' cittadini juzaw minn dak, jekk huwa dritt".*

It-talba tallum hija ghat-thassir tal-kunjom "Ginies" li hija parti mill-kunjom, jew *nom de famille* tar-rikorrent. Id-Direttur jissottometti, infatti, li t-thassir *in parte* jfisser tibdil fil-kunjom. Fil-kaz odjern, lanqas ma jista' jinghad li kien hemm zball fir-registrazzjoni fuq l-Att tat-twelid - f'tali kaz il-funzjoni ta' din il-Qorti kienet tkun wahda semplici.

Madanakollu kif gja accennat, kif gie enuncjat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **Leonard Ellul sive Ellul Mercer et v Direttur tar-Registru Pubbliku -** (PAJRM -21 ta' Marzu 2002) :-" *Illi din il-Qorti taghraf ukoll li l-ligi civili taghna tal-lum m'ghadhiex iebsa daqs kemm kienet qabel dwar dak li ghandu x'jaqsam mal-kunjom tal-persuna. Mhux biss ghaliex illum il-gurnata l-identita' ta' persuna hija stabilita u accertata b'mezzi ta' identifikazzjoni u registrazzjoni ohrajn, imma wkoll ghaliex jidher li hija r-rieda espressa tal-legislatur li jhalli li persuna izzid, matul hajjitha, kunjom iehor ma' dak li titwieled bih*[4]*. F'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li huwa evidenti wkoll li tali ghazla ma ssirx bilfors mill-genituri hekk kif it-tarbija titwieled, imma hija ghazla li tithalla fil-persuna nnifisha sa meta ssir tal-eta' li tkun tista' tiddeciedi hi;*

*Illi, ghalhekk, talba tista' tirnexxi mhux fuq il-bazi ta' zball fl-att izda fuq il-bazi ta' taghrif izjed siwi dwar il-persuna."*[5]

Il-kaz odjern jittratta sitwazzjoni fl-invers - it-tnehhija ta' parti mill-kunjom tar-rikorrent.

---

[4] Art.4(3) tal-Kap.16

[5] *App. Civ.* ***2.3.1994*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***J.Zammit vs Direttur tar-Registru Pubbliku***

L-attur esebixxa kopja tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet **Bertram Padovani Ginies maghruf bhala Bertram Padovani v Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA (NA) - 30 ta' Settembru 1998). Il-fatti f'dak il-kaz kienu simili ghall-kaz odjern. Il-Qorti abbazi tax-xhieda moghtija, laqghet it-talba u ordnat it-tibdil *ai termini* tal-artikolu 253(2) tal-Kap.16. Dan huwa prim kugin tal-istess rikorrent u mill-fatti riprodotti fis-sentenza, u accettati mill-Qorti, jirrizulta li l-attur f'dik il-kawza ukoll kien konsistentement maghruf bil-kunjom "Padovani" minghajr l-*addendum* "Ginies."

Din il-Qorti tifhem li talbiet ghal bdil fil-kunjom m'ghandhomx jintlaqghu leggerment. Madanakollu l-qrati taghna fissru l-parametri li ghandhom jiggwidaw lill-Qrati fil-konsiderazzjoni taghhom. Fil-kaz fl-ismijiet **Harold u Hilda Ellul sive Ellul Mercer v Direttur tar-Registru Pubbliku** (PAJRM - 5 ta' April 2001) din il-Qorti kif diversament presjeduta ppronunzjat ruhha hekk:

*"Illi l-bidla f'Atti ta' Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u hija f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawn"* Dan hu s-sens tas-sentenza fl-ismijiet **Jason Paul Grixti v Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA)(JRM) - 24 ta' Ottubru 2002).

Kif gja premess, il-kaz odjern mhuwiex pernjat fuq zball izda lanqas fuq fatti li jinducu lil din il-Qorti li temmen li t-talba odjerna hija frott ta' leggerezza jew kapricc. Il-Qorti taccetta bhala fatt ippruvat li l-kunjom tar-rikorrent ilu ghal zmien twil "Padovani". Dan jghodd ghalih u anke ghal qraba tieghu kif johrog mis-sentenza fuq rapportata. Ukoll huwa identifikat hekk f'atti ohra tal-istat civili biex b'hekk hemm konfliggenza anke bejn Atti tal-istat civili infushom.

Ikkonsidrat li fil-kaz prezenti, l-Qorti tqis ukoll li l-lanjanza tal-attur rizultanti mill-inkompatibbilita’ tar-realta’ ta’ kunjomu mal-formalita’ murija fl-att tat-twelid tieghu mhix wahda fiergha. L-attur wera pjenament li l-identita' pubblika, professjonali u socjali tieghu mhix konformi mal-kunjom registrat u jekk it-talba tieghu ma tigix milqugha, ser ibati pregudizzju minhabba incertezza fl-identita' tieghu.

Min-naha l-ohra, lanqas jista' jinghad li tali tibdil ser ikun ta' hsara jew pregiudizzju ghall-interessi ta' terzi billi r-rikorrent huwa gja maghruf bil-kunjom "Padovani" u z-zieda ta' "Ginies" wisq probabbli tqanqal konfuzjoni f'mohh terzi interessati.

Ghal dawn il-motivi ser tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti b'dan li billi ma giex ippruvat, u lanqas jirrizulta, li sar xi zball imputabbli lill-intimat, l-ispejjez jkunu sopportati mill-istess rikorrenti.

Riferibbilment ghar-raba' talba l-attur stess jammetti li l-uniku att tal-istat civili li jenhtieg li jigi korrett huwa l-att tat-

twelid tieghu. Ghalhekk ma hemmx lok ghal din it-talba u l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi tiddisponi it-talbiet attrici u mill-eccezzjonijiet sollevati skont dan li gej:

1. **Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba;

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tiddikjara illi r-rikorrent ilu ghal zmien twil u b'mod konsistenti juza, kif ukoll jigi maghruf u msejjah bhala "Louis George Padovani";

3. **Tilqa'** t-tielet talba u tordna li ssir annotazzjoni fl-att ta' twelid tar-rikorrent bin-numru ta' skrizzjoni 4550 tas-sena 1961 sabiex fil-kolonna ntestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" jitnizzel "Louis George Padovani Ginies konsistentement maghruf bhala Louis George Padovani";

4. **Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba.

5. **Tilqa'** il-hames talba u tordna, *ai termini* tal-Art. 256 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja vera tas-sentenza ta' din il-

Onorabbli Qorti sabiex issir l-annotazzjoni ordnata minn din l-Onorabbli Qorti fi zmien ghaxart (10) ijiem mid-data ta' meta s-sentenza tghaddi *in gudikat.*

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta' Settembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Settembru 2015**